**Laqgħa Numru 88**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xewkija**

## IS-SEBA LEĠISLATURA

**21 ta' Marzu 2019**

Il-Kunsill Lokali tax-Xewkija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2, Triq Torri Tingi, Xewkija, Għawdex. Il-laqgħa bdiet fl-4.18 ta' filgħaxija.

---

PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Paul Azzopardi | - Sindku |
| Domenic Zerafa | - Viċi Sindku |
| Hubert Saliba | - Kunsillier |
| Jeanelle Attard | -Kunsilliera |
| George Zammit | - Kunsillier |

ASSENTI B'APOLOĠIJI (skond Ordni Permanenti 14A (3):

n/a

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marion Attard

- Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Paul Azzopardi ippresieda l-laqgħa.

**85.1 Qari ta' l-Ittri ta' apoloġiji;**

85.1.1 Ma kienx hemm ittri ta'apoloġiji mill-Kunsilliera.

**85.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

85.2.1 Il-minuti tal-laqgħa 87 li saret nhar il-Ħamis 14 ta' Frar 2019 ġew approvati unanimament mill-Kunsilliera preżenti u iffirmati mis-Sindku u Segretarju Eżekuttiv.

**88.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

88.3.1 Is-Sindku kkomunika li l-Kunsill kien issa beda jopera mill-Kunsill il-Ġdid fi Triq Santa Katerina. Waqt li rrimarka li kien baqa' xi affarijiet x'jittranġaw l-operat tal-Kunsill kien wieħed normali.

88.3.2 Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill l-*Evaluation Report* tat-Tender tar-Resurfacing tat-Toroq. Il-membri preżenti tal-Kunsill qablu ma' dan ir-report li kien jindika li dan kien *overbudget* u għalhekk it-tender kellhu jiġi kkanċellat minnufih

*16.30pm Il-Kunsillier George Zammit daħal fil-kamra.*

88.3.3 B'referenza għal-Triq Ħaġret L-Armi, is-Sindku ppropona li parti minn Triq Ħaġret l-Armi tingħata kisja tarmac peress li kienet fi stat ħażin. Il-membri tal-Kunsill qablu ma' din il-proposta'.

88.3.4 Is-Sindku kkomunika li l-istima ta' Triq Santa Elizabetta kienet nħadmet fuq il-*Framework* ta' Transport Malta tat-2015 f'Lulju li għadda. L-istima ġiet irrivedut u l-istima tax-xogħol telgħet ferm aktar hekk kif ħareġ ukoll il-*Framework* il-ġdid għall-aħħar tas-sena li għadidet. B'referenza għall-korrispondenza li kienet għaddiet min-naħa tas-Segretarju lil membri tal-Kunsill fejn issuġġerriet li nkellmu lil Ministru t'Għawdex minħabba li din it-triq kienet ser isir minn fondi li ngħataw mill-istess ministeru,is-Sindku sostna li fl-opinjoni tiegħu ma kellniex nkellmu lil Ministru f'dan l-istadju. Barra minnhekk is-Sindku ssuġġerriexxa li s-sehjħa għall-offerti toħroġ fuq l-istima l-qadima. Il-membri tal-Kunsill qablu ma' dan.

88.3.5 B'referenza għal wiċċ ġdid li ngħata fit-Triq Il-Knisja, is-Sindku kkonferma li l-ilmenti mir-residenti li x-xogħol fit-triq ma kienx sar sew kien ukoll ikkonfermat mill-Perit

ikkonċernt li qed jitlob li l-kuntrattur jieħu azzjoni mmedjata. Ix-xogħol fuq Triq Santa Katerina, 'l isfel mill-porfido kellhu ukoll jitkompla minnufih.

88.3.6 B'referenza għall-Citta' Del Vino, is-Sindku ppreżenta lista ta' persuni li hu kien qed jipproponi li jkunu fis-sotto-kumitat. Il-membri tal-Kunsill qablu li dan is-sotto-kumitat ikun kompost minn Mario Camilleri, Teddy Mizzi,Joseph Spiteri, Marisa Cauchi u George Camilleri.

88.3.7 B'referenza għall-Evviva Wine Festival u l-ġemellaġġ ma' Castelvenere, is-Sindku ukoll kien qed jippropona li jinħatar kumitat magħmul minn Mario Camilleri, Yvonne Camilleri, Teddy Mizzi u Frank Grima.

## 88.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

88.4.1 Il-Kunsillier George Zammit talab lis-Segretarju titlob pjanta tax-xogħlijiet fil-Pjazza u anke ta' Triq Il-Ħamrija biex b'hekk din tkun għad-dispożizzjoni tar-residenti tax-Xewkija. Is-Segretarju ħadet nota ta' dan.

88.4.3 Il-Kunsillier Hubert Saliba ġibed l-attenzjoni li għandhom isiru l-bankina fi Triq Santa Elizabetta ġaladarba kienet ser isir it-triq. Is-Sindku stqarr li din it-talba kellha tgħaddi mis-sistema apposa għal Kunsilli fi ħdan il-Ministeru t'Għawdex. Il-membri qablu ma' dan is-suġġeriment.

88.4.4 Il-Kunsillier Domenic Zerafa talab biex jibda jinqata' l-ħaxix fl-inħawi ta' Gorġun. Is-Sindku ssuġġerriexxa li wara li jinqata' l-ħaxix u jinkines ikun jista' jsir *patching* tas-siment. Il-Kunsill qabel ma' dan.

88.4.5 Il-Kunsillier Jeanelle Attard ġibdet l-attenzjoni biex jinqata' l-ħaxix tal-Blankas u fakret li l-bankijiet kienu għadhom ma twaħħlux. Hi ssuġġerriet li dawn isiru tal-ġebel. Is-Segretarju ħadet nota. Is-Sindku talab biex fis-sistema tal-Ministeru għax-xogħlijiet mitluba mill-Kunsill indaħħlu talba biex jittranġaw il-ħitan imwaqqa' fi Ġnien Blankas.

88.4.6 Il-Kunsillier George Zammit talab li ssir *sleeping police* fejn tal-Bombos. Il-membri tal-Kunsill qablu li dan is-suġġeriment jgħaddi quddiem Transport Malta.

88.4.7 Il-Kunsillier Hubert Saliba taab biex jinġabru l-bankijiet propjeta' tal-Kunsill mill-grawd tal-Futbol tax-Xewkija. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota ta' dan.

88.4.8 Il-Kunsillier Hubert Saliba ġibded l-attenzjoni biex jinħoloq pjan għat-tisqija tal-pjanti u siġar madwar ir-raħal. Is-segretarju ħadet nota biex taħseb tiġbor il-kwotazzjonijiet.

## 88.5 *Update* fuq Proġetti mill-Kunsill

88.5.1 **Belvedere tal-Barmil** Is-Sindku kkomunika li l-ħajt tas-sejjieħ tal-belvedere f'Tal-Barmil kien qed isir mill-ħaddiema tal-gvern war li tneħħa l-ħmieġ li kien hemm. Il-Kunsill kellhu jiġbor kwotazzjonijiet għal-xogħol tal-tħammil. Is-Sindku ppropona li jsir disinn fil-konkos permezz ta' *stencil*. Il-Kunsillier Hubert Saliba talab li l-Perit Shawn Micallef jipprovdilna pjanta ta' kif kien ġej ix-xogħol.. Is-Sindku talab li nkellmu l-Enemalta sabiex inkunu nistgħu ngħaddu d-dawl fuq il-belvedere.

88.5.2 **Playingfield tal-Ħamrija** It-tender għar-*Restructuring* tal-Playingfield kien ser jiġu ppublikata il-Ġimgħa 22 ta' Marzu 2019 u l-offerti kienu jintlaqgħu sat-12 t'April 2019.

## 88.6. Żamma u Manitenzjoni tat-Toroq

88.6.1 B'referenza għall-kwotazzjonijiet għaż-żoni differenti tar-raħal, is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li dan id-dokument għandu jiġi mħejji mis-Segretarju u jkun jinkludi fih l-i*specifications* li l-Kunsill jaħseb li hemm bżonn. Il-Kunsillier George Zammit talab li l-kwotazzjonijiet jkunu jinkludu li l-kuntrattur jaħseb li min jagħmel użu mill-makkinarju għall-qtugħ tal-ħaxix jkun inxurjat. Il-makkinarju jrid ikun kollhu tal-kuntrattur.

88.6.2 B'referenza għall-knis u żamma tal-Pjazza, is-Sindku ppropona li din m'għandhiex tkun inkluża fil-kwotazzjoni. Il-membri tal-Kunsill ddiskuttew u qablu li peress li l-pjazza hi ċ-ċentru tar-raħal din għandha tkun nadifa kuljum u anke fit-tmiem il-ġimgħa u għalhekk kellha tkun fir-responsabilita' tal-kuntrattur li jitfa' l-irħas offerta għall-parti tal-pjazza. Barra minnhekk il-ħaddiema allokata mal-Kunsill ma jaħdmux fit-tmiem il-ġimgħa u b'hekk ma kienx ikun possibli li l-pjazza tinżamm kif jixirqilha minn danw il-ħaddiema hekk kif il-pjazza l-aktar tkun frekwentata fi tmiem il-ġimgħa.

## 88.7 Gaudos Half Marathon

88.7.1 Joe Micallef u Joe Louis Xuereb daħlu fil-kamra u urew ix-xewqa li l-Kunsill tax-Xewkija jikkoloborra fil-Gaudos Half Marathon. Din il-maratona kienet qed isir għall-ewwel darba. Huma spjegaw li barra l-*half marathon* kien se jkun hemm ukoll tlielaq għat-tfal u anke mixja bid-dħul tal-mixja imur għal-*Community Chestfund*. Il-maratona organnizata propju f'Jum L-Omm kienet se tkun dedikata lill-ommijiet kollha. Il-membri tal-Kunsill qablu li l-Kunsill jieħu ħsieb spejjeż sa €1,500 u anke jipprovdi t-trofew għat-tlielaq tat-tfal.

**88.7 Korrispondenza u Materji Oħra**

88.7.1 Korrispondenza min-naħa tal-Ministeru t'Għawdex biex il-Kunsill jipparteċipa billi jittella'avveniment fir-raħal waqt il-Gozo Alive li ser ikun qed jiġi organizzat bejn it-3 u 5 ta' Mejju 2019. Il-membri tal-Kunsill innotaw l-kontenut waqt li ma kienx hemm interess biex jipparteċipa għal din is-sena.

88.7.2 Imejl mill-Kumitat Ċentrali Festa San Ġwann Battista biex il-Kunsill jikkoloborra fl-avveniment imsejjaħ Milied Sajfi. Il-Kunsill innota l-kontenut.

88.73 Stqarrija mill-Kummissjoni Elottorali-Ħatra ta' Assitenti Kummisjonarji Elettorali, Uffiċjalu tal-Post tal-Votazzjoni u persuni għall-għadd tal-voti.

88.7.4 Imejl mill-Ispettur Bernard Charles Spiteri fejn is-Sindku jew rappreżentant mill-Kunsill kien qed jiġi mistieden għal-laqgħa li kienet ser isir fit-28 ta' Frar 2019 fl-għassa tar-Rabat.

88.7.5 Imejl mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn il-Kunsill kien qed jiġi mgħarraf li ser isir studju bl-isem *A Benchmark for National Performamce Indicators*. Dan l-istudju kien ser jirrikjedi li l-kumpanija mqabbda biex tagħmel dan l-istudju iżżur il-lokalita' u tikkuntatja lil Kunsill bejn Ġunju u Settembru 2019. Il-membri tal-Kunsill innota l-kontenut.

88.7.6 Ċirkulari Nru SPI 4/2019- Regolamenti dwar il-Ħarsien tas-Siġar u l-Imsaġar.

88.7.7 Imejl bit-Titlu "Seminar- Skemi dwar stil ta' ħajja aħjar għaċ-ċittadini" li se jkun indirrizat għall-membri tal-Kunsill kollha nhar l-Erbgħa 3 t'April 2019. Il-membri tal-Kunsill ħadu nota ta' dan is-Seminar.

88.7.8 Talba mill-Moviment Missjunarju "Gesu' Fil-Proxxmu" biex jużaw Ġnien Blankas għall-Majjalata fil-15 ta' Ġunju 2019 biex jinġabru flus għall-missjoni. Il-membri tal-Kunsill taw l-approvazzjoni min-naħa tagħhom.

**88.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' l-Iskeda ta' Pagamenti;**

88.8.1 Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

**88.9 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss.**

88.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.05pm. Il-Kunsilliera unanimament qablu li s-seduta li jmiss tal-Kunsill għandha ssir nhar il-Ħamis 21ta' Marzu 2019 fl-4.00pm.

Konfermati, illum 23 t'April 2018

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ______________________ | ______________________ |
| Paul Azzopardi | Marion Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |